Segretarjat għall-Katekeżi
Arċidjoċesi ta' Malta

Li tkun katekista hi vokazzjoni: "tkun katekista", din hi l-vokazzjoni, u mhux "tagħmilha ta' katekista." Attenti, m'għedtx "tagħmluha ta' katekisti," imma "tkunu katekisti," għax dan jinvolvi l-ħajja kollha kemm hi. Inwasslu lill-oħrajn biex jiltaqgħu ma' Ġesù permezz tal-kliem u permezz ta' ħajjitna, bix-xhieda li nagħtu.



Papa Franġisku lill-katekisti
27 ta' Settembru 2013



# Korsijiet 2015 - 2016

## Introduzzjoni għat-Teoloġija u Metodoloġija

L-ewwel parti: Introduzzjoni Ġenerali għall-Katekeżi (Ottubru sa Diċembru).
It-tieni parti: Metodoloġija u Pedagoġija (Jannar sa Mejju)
Dan il-kors huwa għal dawk li ilhom aktar minn 5 snin jgħallmu.
Meta: **L-Erbgħa filgħodu** u **filgħaxija** (jekk ikun hemm talba sostanzjali għalih).
Ħlas: €40.
Tikkoordina: Sr Alexandra Chircop.

## Kors għall-Katekisti tal-5 u s-6 sena

Dan il-kors huwa għal dawk li huma involuti fil-katekeżi tal-pre-adolexxenti li huma fil-5 u fis-6 sena ta' katekeżi għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija.
Meta: **Is-Sibt filghodu** fi tmien sessjonijiet.
Ħlas: €20.
Tikkoordina: Sr Alexandra Chircop.

## Kors għall-Animaturi tal-Adolexxenti

Dan il-kors huwa għal dawk li huma involuti fl-edukazzjoni għall-fidi tal-adolexxenti.
Meta: **It-Tlieta filgħaxija** minn Ottubru sa Ġunju.
Tikkoordina: Sr Alexandra Chircop.

## Kors *Maturità fil-Fidi*

Dan il-kors huwa għal dawk il-katekisti li jixtiequ jibdew jippreparaw lill-adulti biex jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Il-kors se jkun ibbażat fuq l-RCIA u fih issir proposta ta' x'jista' jsir fil-laqgħat ma' adulti li jixtiequ jirċievu l-Griżma tal-Isqof.

Meta: **Is-Sibt filgħodu** f'ħames sessjonijiet.

Ħlas: €15.

Jikkoordina: Fr René Camilleri.

## Korsijiet fl-Unitajiet Pastorali

Dan il-kors huwa għal dawk li jgħallmu mill-Ewwel sar-Raba' Sena ta' katekeżi għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija

Meta: Isir arranġament **skont il-bżonn** tal-Unità Pastorali, u jkun f'ħames sessjonijiet.

Ħlas: €50 kull parroċċa.

Jikkoordina: Fr Carl-Mario Sultana.

**Il-korsijiet kollha jsiru fis-Segretarjat għall-Katekeżi, it-tielet sular, Istitut Kattoliku, il-Furjana.**




*Żur il-websajt tas-Segretarjat għall-Katekeżi li fiha tista' ssib ħafna informazzjoni utli:*

**www.katekezi.org**

# Korsijiet 2015 - 2016



Segretarjat għall-Katekeżi
Istitut Kattoliku
Il-Furjana. FRN 1441.
22039402
info@katekezi.org jew annamaria.sfc@gmail.com

segretarjat għall-katekeżi